

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/876****tal-5 ta' Ġunju 2015****li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) Fil-5 ta' Marzu 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/364 <sup>(2)</sup>, li ttiprovdi li l-miżuri restrittivi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2014/119/PESK għandhom japplikaw sas-6 ta' Marzu 2016 fir-rigward ta' erbatax-il persuna u sas-6 ta' Ġunju 2015 fir-rigward ta' erba' persuni.
- (3) Fir-rigward ta' waħda minn daww l-erba' persuni, l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi għandha tiġi estiża sas-6 ta' Ottubru 2015 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet marbuta magħha għandha tiġi aġġornata.
- (4) Fir-rigward ta' żewġ persuni minn daww l-erba' persuni, l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi għandha tiġi estiża sas-6 ta' Marzu 2016 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet marbuta magħhom jġigu aġġornati.
- (5) Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2014/119/PESK, l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-6 ta' Marzu 2016. Il-miżuri fl-Artikolu 1 għandhom japplikaw sas-6 ta' Ottubru 2015 fir-rigward tal-entrata Nru 10 fl-Anness.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kontinwa. Għandha tiġi mġedda, jew emendata skont kif ikun xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħha ma jkunux intlaħqu."

*Artikolu 2*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK għandu jġi emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26.)

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364 tal-5 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 62, 6.3.2015, p. 25).

## ANNEX

1) L-entrata għall-persuna li ġejja kif tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK hija mħassra:

8. Viktor Viktorovich Yanukovich (iben l-eks President)

2) L-entrati għall-persuni li ġejjin kif jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK huma sostitwiti b'dan li ġej:

4.	Olena Leonidivna Lukash (Олена Леонідівна Лукаш), Elena Leonidovna Lukash (Елена Леонидовна Лукаш)	imwielda fit-12 ta' Novembru 1976 f'Ribnița (Moldova), eks Ministru tal-Ġustizzja	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għall-involviment fil-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi	6.3.2014
10.	Serhii Petrovych Kliuiev (Сергій Петрович Ключев), Serhiy Petrovych Klyuyev	Imwieled fid-19 ta' Awwissu 1969 f'Donetsk, hu s-Sur Andrii Kliuiev, negozjant	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għal involviment fil-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Persuna assoċjata ma' persuna deżinjata (Andrii Petrovych Kliuiev) soġġetta għal proċedimenti kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
13.	Dmytro Volodymyrovych Tabachnyk (Дмитро Володимирович Табачник)	Imwieled fit-28 ta' Novembru 1963 fi Kiev, eks Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għall-involviment fil-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.	6.3.2014